IX-XGĦAJRA

# Rapport Amministrattiv tas-Sena 2017

Matul din l-aħħar sena li għada kif intemmet, il-Kunsill Lokali kien kompost mis-Sinjuri Anthony Valvo bħala Sindku, Neil Attard bħala Viċi Sindku u l-Kunsilliera Doris Borg, Antonia Buttigieg u Joseph Azzopardi. Bħala *staff* klerikali kienu Ranier Busuttil bħala s-Segretarju Eżekuttiv u is-Sinjuri Rita Said u Josette Camilleri bħala Assitenti Principal. Il-Ħaddiema assenjati mal-Kunsill huma s-Sinjura Miriam Buhagiar li taħdem fl-uffiċċju, is-Sinjuri Noel Bonnici, Nazzareno Caruana u Vince Spiteri bħala l-*handymen*, Raymond Meli bħala *attendant* tal-latrina pubblika u Silvio Fenech bħala beach cleaner.

- **Edukazzjoni:**

Il-Kunsill tax-Xgħajra ħoloq kuxjenza edukattiva u kulturali billi ħajjar lir-residenti sabiex jipparteċipaw f'attivitajiet kontinwi edukattivi u kulturali, fosthom f'ħarġiet kulturali, lezzjonijiet edukattivi, kompetizzjonijiet kulturali.

Il-Kunsill baqa' jfakkar l-attivitajiet kulturali u tradizzjonali ta' San Martin, il-festi tal-Għid u Jum Lapsi.

Il-Kunsill kompla jagħmel korsijiet ta' taħriġ għal persuni ta' kull eta'. Saru korsijiet ta' kompjuter, robotica għat-tfal kif ukoll sessjonijiet socjo-edukattivi għal persuni ta' kulħadd.

Il-Kunsill Lokali kompla jinvesti wkoll fil-Librerija sabiex ikollna kotba aktar interessanti u moderni.

- **Ambjent**

Il-Kunsill impenja ruħu sabiex jieħu parti attiva f'konsultazzjoni effettiva mal-Koporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li b'permess ta' Monitoring Committee ix-Xgħajra tiġi mħarsa waqt l-operat tal-impjant tad-Drenaġġ.

L-istess jingħad għall-proġett ta' SmartCity fejn il-Kunsill qiegħed jinżamm f'konsultazzjoni u progress ta' dan il-bini.

IX-XGĦAJRA

Il-proġett tal-*landscaping* tal-impjant tad-drenaġġ beda fil-bidu tas-sena 2017 u għandu jitlesta f' nofs is-sena 2018.

Fis-Sena 2017 il-Kunsill għamel deċizjoni diffiċli li jitneħħew l-iskips kollha. L-iskips kienu qed jiġu abbużati b'rimi ta' skart goff madwarhom kif ukoll l-intejjen li kienu qed iħallu kienet insopportabbli.

- **Infrastruttura**

It-toroq fix-Xgħajra jinsabu kollha ta' livell tajjeb pero xorta waħda fis-sena 2017 kien hemm bżonn li ssir manutenzjoni fuqhom. Dan billi sar xogħol ta' patching kif ukoll tiswijiet f'bankini kif ukoll biċċiet ta' bankini ġodda.

Il-Kunsill kompla jagħmel manutenzjoni ta' sinjali tat-toroq kif ukoll tabelli ġodda fejn kien meħtieg.

Sar ukoll Bus Shelter ġdid tal-ġebel max-Xatt. Dan wara ħafna diskussjonijiet ma' Transport Malta fejn konna imwiegħda li jiġi bus shelter tal-ħġieġ pero peress li kienu minajr kuntratt għal aktar minn 5 snin il-Kunsill talab l-approval ta' TM biex jibni bus shelter tal-bricks. TM tat l-approvazzjoni u dan sar bil-ħaddiema assenjati fuq gwida kontinwa mil-Perit.

- **Proġetti**

Wara ħafna laqgħat mad-dipartiment tax-xogħlijiet sar dawl ġdid tul il-prominade kollu. Dan id-dawl kien jittratta kemm fuq arbli ġodda kif ukoll dawl ta' mal-ħajt. Saret ukoll installazzjoni ġdida tal-elettriku.

- **Faċilitajiet rikreattivi u sportivi.**

Fis-sena 2017 il-Kunsill applika għall-fondi mal-Ministeru tal-Gustizzja, Gvern Lokali u Kultura biex jitkompla dan il-proġett u titlesta s-sala. Dawn ġew approvati u il-Kunsill beda l-proċess tat-

IX-XGĦAJRA

tenders biex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsill qed jippjana li sa Ġunju 2018 din is-sala tkun lesta. Dan ix-xogħol hu maħsub li jiswa €60,000.

Fl-stess ħin il-Kunsill se jirreżisti mal-Ministeru tal-Infrastruttura u Trasport sabiex isir il-Progett tal-*Youths* tax-Xgħajra Tornadoes billi ssir *dressing room* ġdida kif ukoll ground żgħir bit-turf.

- **Fort Park**

Il-Kunsill fis-sena 2017 issieħeb bis-sħiħ fil-fondazzjoni GAL Xlokk (Grupp Azzjoni Lokali) fejn b'hekk il-Kunsill jista japplika għal fondi tal-Unjoni Ewropea fuq affarijiet rurali. Lejn l-aħħar tas-sena 2017 il-Kunsill ġie mgħarraf li hu eleġibbli li jagħmel proġett b'fondi mil-GAL Xlokk sa massimu ta' €60,000. Il-Kunsill qabel li dawn il-fondi jiġu utilizzati biex jigi rigenerat il-Fort Park, b'bankijiet u sigar ġodda kif ukoll sistema ta' CCTV.

Dwar il-Fort Park ukoll il-Kunsill baqa' f' kuntatt mas-Segretarju Parlamentari fuq l-isport sabiex issir il-Jogging track u l-outdoor gym.

- **Ħitan tas-sejjiegħ**

Il-Kunsill applika għal fondi tal-Ewropa sabiex isir xogħol ta' restawr tal-ħitan tas-sejjiegħ liema stima hija stmata li tlaħħaq it-€80,000. Din l-applikazzjoni għandha tiġi evalwata fil-bidu tas-sena 2018.

Il-Kunsill jirringrazzja lir-residenti tax-Xgħajra tas-sostenn u jawgura li għas-sena 2018 ikollna aktar parteċipazzjoni biex flimkien naraw dan ir-raħal jiżviluppa b'mod aħjar u b'mentalita ta' għaqda.

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv